**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR35/VIII/2022**

**It-Tlieta, 7 ta' Lulju 2022**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fl-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 7 ta' Lulju 2022, fil-17:00.

**Preżenti:**
Is-Sur Josef Schembri – Sindku
Is-Sur Brian Azzopardi – Viċi Sindku
Is-Sur Joseph Debrincat - Kunsillier
Is-Sur Marcel Tabone – Kunsillier
Is-Sur Charlie Hili – Kunsillier
Is-Sinjorina Maria Portelli – Kunsillier

**Skużat**: Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Josef Schembri ppresjeda l-laqgħa.

**54.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fil-5:00 p.m. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**35.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Inqrat l-ittra t'apoloġija tal-membru Buttigieg.

**35.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

35.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 34 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

35.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

35.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

**35.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

35.4.1 Is-Sindku qal li l-attivitajiet li ġew organizzati għall-Jum il-Belt Victoria kienu suċċess. Għall-ġita ta' Sqallija attendew 29 persuna. Leone Goes Pop u RockAstra kienu suċċess bħal dejjem u ċ-ċerimonja li fiha ingħata Ġieħ il-Belt Victoria ikkonkorrew n-nies għaliha. Is-Sindku tenna li fl-ewwel Kunsill kien hemm Frank Masini u Nathaniel Attard li servew fl-aħħar sena.

Il-Viċi Sindku qal li bid-deċiżjoni li ttieħdet fejn kull membru tal-Kunsill għandu jingħata Ġieħ ir-Rabat, waqqajna dan il-ġieħ għaż-żufjett. B'din id-deċiżjoni, membri li anke' jekk damu tett xhur biss fil-Kunsill għandhom jingħataw dan il-ġieħ.

Il-membru Ħili qal li ma jaqbilx li b'din id-deċiżjoni dan il-ġieħ twaqqa għaż-żufjett.

Inġibdet l-attenzjoni rigward il-protokoll ta' kif għandhom jitpoġġew is-Sindku u l-membri tal-Kunsill waqt attivitajiet in ġenerali. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li fl-attivitajiet ta' Jum il-Belt Victoria, is-Sindku u l-membri tal-Kunsill kien skont il-protokoll.

34.4.2 Is-Sindku qal li nżabbru s-siġar ta' Pjazza Indipendenza bejn it-22 u l-24 ta' Ġunju 2022. Dawn inżabbru ħafif peress li mhux żmien iż-żbir. Is-Sindku nnota li dawn dejjem inżabbru qabel il-festi. Il-Kunsill għandu l-permess tal-ERA biex isir iż-żbir bħal kif dejjem sar. Milli jidher sar rapport u dan iż-żbir ma kienx ser jitħalla jsir qabel il-festi. Dan kien ser joħloq inkonvenjent peress li ma jkunx jista' jsir armar minħabba li s-siġar ilhom sentejn ma jinżabru. Wara li nġabet konċessjoni ta' darba biex dawn jinżabbru ħafif u skont il-permess tal-ERA, seta jsir iż-żbir. Żbir aktar fil-fond jista' jsir sa Mejju. Il-membri qablu li dawn is-siġar jinżabbru f'April 2023 sabiex ikunu lesti qabel il-festi u jinżabbru sew fix-xhur li huma idejali. Is-Sindku tenna li l-ispettur mibgħut mill-ERA li jkun preżenti waqt iż-żbir innota li s-siġar għandhom bżonn żbir fil-fond peress li għandhom xi mard. Għandu jħejji rapport fuq dan.

34.4.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li fil-11 ta' Lulju, 2022, ser issir laqgħa mad-Direttur Eko-Għawdex u l-kuntrattur tat-tindif tal-Kunsill sabiex jiġi diskuss it-tindif għal-festa ta' San Ġorġ.

34.4.4 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jikkunsidra li tiġi *updraded* il-*playing field* ta' taħt Putirjal u jistgħu jintużaw fondi tad-*Development Planning Fund* mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Il-membri qablu mas-suġġeriment u għandha tinħareġ offerta għall-*design concept* ta' dan l-*upgrading*.

**35.5 Mistoqsijiet mill-Kunsillieri**

35.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet dettalji fir-rigward tal-ħruġ tal-permessi ta' depożitu ta' krejns jew makkinarju fit-toroq. Għarrfet lill-membri li permezz ta' ċirkulari numru 8/2017 li nħarġet mid-Diviżjoni għal Gvern Lokali fl-14 ta' Marzu 2017, fost oħrajn, applikazzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kunsill Lokali mill-inqas 48 siegħa qabel l-attivita' matul il-ħinijiet tal-ġranet tax-xogħol tal-uffiċċju.

Għarrfet lill-preżenti wkoll li fil-ħames Kunsill kienu ġew addottati *policies* fir-rigward ta' dawn il-permessi, liema *policies* kienu reġgħu ġew maqbula mis-seba' Kunsill fid-19 ta' Awwissu, fl-2016. Il-Kunsill dejjem mexa hekk:-

- fil-ġranet tal-iskola il-permessi fit-toroq arterjali u prinċipali jinħarġu wara d-09:00am. Filfatt din il-*policy* riċentament ġiet addottata minn Transport Malta fejn il-Kunsilli Lokali huma obbligati li fil-ġranet tal-iskola, l-permessi jinħarġu wara d-09:30am.

- is-Sibt ma jinħarġux permessi f'toroq arterjali u prinċipali.

- Fit-toroq arterjali u prinċipali jridu jitqabdu l-gwardjani lokali neċessarji. Illum jitqabbdu Uffiċjali tat-Transport Malta.

35.5.2 Inġibdet l-attenzjoni rigward tal-egħluq ta' Triq Palma nhar ta' Sibt sabiex ikun jista' jinġibed film. Dan l-egħluq kien assistit minn uffiċċjali ta' TM u ma kienux qed jitħallew nies jgħaddu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-permess kien biex l-egħluq tat-triq ma jkunx il-ħin kollu iżda fil-ħin biss li jkun jinġibed il-film u qatt ma ntalab sabiex in-nies ma jitħallewx jgħaddu liberament. Ser tinġibed l-attenzjoni biex dan ma jerġax iseħħ.

## 35.6 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti

Tressqet korrispondneza mingħand:-

35.6.1 l-Avukat tal-Kunsill fejn fir-rigward tal-appell li sar mill-Kunsill minħabba sentenza tal-monti li l-Kunsill ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż. L-appell intrebaħ mill-Kunsill;

35.6.2 l-uffiċjal tal-Kultura fi ħdan ir-Reġjun Għawdex fejn issuġġerixxa li jinkitbu versi minn poeżiji fuq *pedestrian crossings*. Dan biex jesprimu pożitivita' u ħsibijiet ċkejkna. Il-membri qablu u dan isir wara li jinġab il-permess ta' Transport Malta;

35.6.3 l-Gozo Action Group Foundation rigward *pre-call – Measure 2 (Second Call) and Measure 3 (Second Call);*

35.6.4 il-*Community Policing* fejn intbagħtu dettalji fir-rigward tax-xogħol tagħhom;

35.6.5 id-Direttur Ġenerali *Strategy & Support Division* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex jitneħħa arblu li kien jintuża għal *CCTV camera* fi Pjazza San Franġisk. Billi l-kamera m'għadiex tiffunzjona u l-arblu qiegħed fuq il-bankina, il-membri qablu li jitneħħa l-arblu;

35.6.6 residenti fi Triq it-Tabib Anton Tabone, fejn il-Kunsill hu kkupjat f'petizzjoni li ntbagħtet lill-Ministru għal Għawdex. Dawn ir-residenti ressqu l-ilment li kull meta tagħmel ix-xita d-djar tagħhom jimtlew bl-ilma. L-akbar ammont ta' ilma jiġi minn Triq Sir Paul Boffa. Inġibdet l-attenzjoni wkoll tal-periklu li jkun hemm fi Triq it-Tabib Anton Tabone meta tagħmel ħafna xita;

35.6.7 l-Arċipriet tal-Katidral fejn issuġġerixxa li tissemma triq għal Suor Marċellina Tabone li nqatlet brutalment ġewwwa l-Pakistan fit-28 ta' Ġunju, 1997, waqt il-missjoni tagħha. Il-membri qablu. Suor Marċellina Tabone ingħatat 'Ġieħ Il-Belt Victoria' nhar is-7 ta' Ġunju, 2000;

35.6.8 persuna ili għandu ommu ta' 92 sena u toqgħod fi Triq Vajrinġa. Dan issuġġerixxa li sid il-Vajrinġa Supermerket jiġi rikonoxxut mill-Kunsill peress li ilu jagħti servizz ir-residenti permezz tal-ħanut tiegħu għal bosta snin u issa ser jieqaf mix-xogħol.

## 35.7 *'New Energy efficient lighting system for St George's Square and the old streets within the City Centre in Victoria, Gozo'.* LCF/16/2020 – *update*

35.7.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġew sottomessi d-dokumenti neċessarji biex isir il-bqija tal-ħlas tal-proġett lid-*Development Planning Fund* fi ħdan l-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex jinġabru l-fondi li ser jiffinanzjaw dan il-proġett.

35.7.2 Minn naħa tad-DPF ġibdu l-attenzjoni li d-*diffuser* tal-bozoz hu matt, fejn fil-kuntratt kien hemm li għandu jkun ħġieġ trasparenti. Qed jintalab li dawn jinbiddlu jew jitneħħew.

35.7.3 Billi x-xogħol ġie ċertifikat minn GaleaCurmi Engineering Consultants Ltd., dawn irrispondew lid-DPF permezz ta' emejl fejn qalu li fl-istadju tal-evalwazzjoni tal-offerta, il-bord ta' evalwazzjoni approva dawn il-*light fittings* fuq il-bażi li huma ekwivalenti għal dawk speċifikati fl-offerta peress li hu ċar l-*comfort diffuser* ma jaffetwax il-karatterisitka tad-dawl meta mqabbla ma *diffuser* trasparenti. Anzi il-*performance* hi mtejba billi tnaqqas id-dija u hi komda aktar għall-pedonali. Intbagħtu d-dokumenti kollha relatati minn naħa tal-enġiniera.

35.7.4 Id-DPF għad trid tagħti r-risposta tagħha.

### 35.8 Restawr tal-istatwi taz-zuntier tal-Kunvent ta' Santu Wistin u San Ġorġ tal-Ħaġar – *update*

35.8.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li min naħa tad-Diviżjoni għal Gvern Lokali ġie approvat li dan ix-xogħol isir permezz ta' *direct order* hekk kif kien mitlub mill-Kunsill. Il-Perit u l-persuna nkarigata mir-restawr ġew infurmati u ser tintbagħat il-*commencement notice* lill-Awtorita' tal-Ippjanar.

354.8.2 Intalbet estensjoni lid-Direttur Eko-Għawdex fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex jiġi estiż iż-żmien li fih għandu jsir ix-xogħol. Dan il-proġett qed isir minn fondi ta' Eko-Għawdex.

### 35.9 Imwejjed u Siġġijiet Pjazza San Ġorġ

35.9.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li rigward it-tneħħija ta' mwejjed u siġġijiet minn Pjazza San Ġorġ, il-proċedura hija li l-organizzaturi tal-festa, li f'dan il-każ hi s-Soċjeta Filarmonika La Stella, titlob il-permess tal-Pulizija, wara li tinħareġ *no-objection* mill-Kunsill. Is-Supretendent tal-Pulizija jibgħat din it-talba lill-Awtorita' tal-Artijiet, fejn din l-Awtorita' toħroġ il-permess. Il-Kunsill imbagħad jgħarraf lis-sidien tal-ħwienet.

35.9.2 Dan jgħodd ukoll għall-Pjazza Indipendenza u anke' għall-festa ta' Santa Marija.

### 35.10 Immaniġjar tat-Traffiku

Tressqet l-approvazzjoni ta' Transport Malta (TM) fir-rigward ta':-

35.10.1 *road markings* u tabelli fi Triq il-31 ta' Marzu u Triq Wistin Camilleri;

35.10.2 *bollards* quddiem id-dar 27, Triq Sir Mikelanġelo Refalo;

35.10.3 *double yellow lines* fi Pjazza Indipendenza biswit il-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita';

35.10.4 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' għal sena quddiem Flat 6, 'Craig Court', Triq Għajn Qatet.

35.10.5 TM ma ħarġitx permess għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' quddiem 124, Triq Repubblika;

Intalab il-permess ta' TM sabiex:-

35.10.6 issir *traffic mirror* fi faċċata ta' 26, Triq Għajn Qatet;

35.10.7 isir *one metre yellow line* mal-garaxx ta' 'City Point', Flat 2, Triq Karlu Galea.

35.10.8 Il-Kunsill irċieva korrispondenza għall-*un/loading* quddiem 'Gosh', 42, Triq Ċangar. Ser jintalab il-permess ta' TM wara li timtela l-formola rikjesta.

35.10.9 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand sid id-dar ta' 83 fi Triq Santa Marija sabiex jitneħħa l-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' ta' quddiem din id-dar peress li qed jgħid li min kien talab għalih miet. Il-membri ma qablux li din titneħħa peress li għad hemm persuni b'diżabilita' jgħixu f'din l-*area*.

35.10.10 Dwar is-suġġeriment ta' *road hump* fi Triq Pompei, il-membri qablu li jintalab lir-resident li qed jissuġġeriha jekk jaċċettax li titpoġġa quddiemu.

**35.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Lulju 2022 skond dokument A anness.

**35.12 Xogħlijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

35.12.1 id-dawl ta'fuq in-niċċa ta' Santa Marija fi Triq Santa Marija u n-niċċa tal-Madonna tal-Loreto fi Pjazza Savina, jinbidel għal dawl *LED* sabiex id-dawl ikun iffukat fuq l-istatwi. Il-prezz hu ta' €350 kull waħda;

35.12.2 il-bankijiet ta' quddiem l-iskola tal-Vajringa jersqu taħt t-twieqi biex ikun hemm aktar wisa' fuq il-bankina speċjalment meta jkun hemm il-ġenituri jistennew it-tfal ħerġin mill-iskola;

35.12.3 titranġa bankina fi Triq Vajringa sabiex l-katusa tal-ilma tax-xita tiġi nkorporatha fil-bankina;

35.12.4 issir bozza ġdida ma arblu eżistenti fi Triq Sette Gugnio.

**35.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7:00 ta' filgħaxija u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, il-Ġimgħa, 5 ta'Awwissu, 2022.

| | |
|---|---|
| Josef Schembri | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |